# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

## 8 LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 36 (kontinwazzjoni tas-seduta 35)

**L-Erbgħa, 12 ta' Mejju, 2021.**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' bil-presenza tal-viċi Sindku, fil-ħamsa u nofs ta' waranofsinhar, permezz tal-Microsoft Teams, minħabba s-sitwazzjoni kurrenti tal-COVID-19.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Scott Camilleri (SC) | Viċi Sindku (ċerman) |
| Is-Sur Sandro Alex Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sa Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Carlo Stivala (CS) | Kunsillier |
| Is-Sa Maria Mifsud (MM) | Kunsillier |
| Is-Sa Doriana Portelli (DP) | Kunsillier |

Membri tal-Pubbliku: NIL

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

Is-Sur Joseph Farrugia — Sindku

**ASSENTI**

NIL

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Is-Sa Rosalie Mintoff – Segretarju Eżekuttiv

Il-viċi Sindku,  ippresjeda.

## Minuti

## 36.01 Qari tal-ittri t' apoloġija

36.01.01 (SE) ikkonfermat illi rċievet ittra mingħand is-Sur Sindku, li ma setax jattendi.

## 36.02 Mistoqsijiet imressqa mill-kunsilliera

36.02.01 Il-kunsillier (MM) tat rendikont tal-ilmenti tar-residenti, fir-rigward il-ħsejjes li ġejjien mill-Freeport. Ħafna minn dawn il-ħsejjes kienu kkawżati minħabba li r-riħ, ma kienx favorevoli. Madankollu, hija tal-opinjoni li l-Kunsill jieħu parir legali, sabiex il-Freeport ma jibqax joperà billejl. (MM) issuġġerit ukoll, sabiex il-Freeport jinstalla sistemi ta' Sound Barrier Walls, biex jonqos il-ħsejjes lir-residenti. Ta min jinnota li skont il-WHO, hemm il-possibilità li qegħdin jinkisru d-drittijiet tar-residenti. Il-viċi ssuġġerixxa li għandna jkollna Task Force għal ideat u proposti konkreti, filwaqt li jaqbel mas-sistema tas-Sound Barriers. (SC) kompla jispjega li sub committee ma għandux jiddiskuti temi relatati mal-ambjent. Mitigation measures huma tajbin, imma dawn huma biss il-bażi.

36.02.02 (MM) tkellmet ukoll fuq l-ammont ta' skart li qiegħed jitħalla fuq il-promenade, faċċata tal-bank lokali, kif ukoll fuq iz-zuntier tal-knisja. Hija stqarret li ftit minn dawn il-boroż jitħallew mill-kuntrattur stess, imbagħad in-nies tkompli żżied magħhom. Hemm bżonn li jiġu installati CCTVs, biex jinqata' dan l-abbuż. Il-viċi ppropona lil (MM) biex titkellem mal-project manager, ħalli flimkien jaraw kif jista' jsir il-variation fil-kuntratt preżenti. (SZ) issuġġerixxa li l-kuntrattur jagħtina stima tal-variations, filwaqt li nipprovaw insibu stima tal-collection not in the remit of urban collection. B' vot unanimu, il-Kunsill qabel ukoll, li sakemm tiġi solvuta din il-problema, l-uffiċċju jibqa' jawtorizza l-ittra lil kuntrattur, biex is-Sibtijiet jiġbor l-iskart li jkun ġie miltluq u jiddepożitah fil-faċilità, għal-spejjeż għan-nom tal-Kunsill.

36.02.03 (MM) tkellmet fuq id-domanda qawwija tal-latrini, b' mod speċjali li l-ħwienet jinsabu magħluqin. Hija fehmet kif skont il-kuntratt, hemm klawsola ta' erba' siegħat, u ta min nikkonsidraw li nżiedu aktar siegħat. (SC) ppropona lil (MM) biex timxi l-istess fuq din il-kwistjoni, jiġifieri tgħid lil contracts manager jagħmel il-varjazzjoni u jinformana kemm ser tiġi tiswa l-ispiża.

36.02.04 (MM) tkellmet fuq l-ibins ta' Dawret il-Qalb Imqaddsa, kif qegħdin ikunu mimlijin, b' konsegwenza li bir-riħ, l-iskart qiegħed jispiċċa l-baħar. Fil-ġranet li ġejjien (MM) ser tkun qiegħda tibgħat ukoll, kwotazzjonijiet għal tibdiel tal-bins tax-xatt.

36.02.05 (MM) talbet lil (SE) jekk tistax tintbagħat ittra lil Infrastructure Malta, minħabba l-volum tat-traffiku qawwi li qed ikun hemm, sabiex wieħed joħroġ minn Birżebbuġa. Dan wara, li qegħdin isiru xi xogħlijiet f' toroq, fiż-Żejtun.

36.02.06 (MM) aġġornat li wara taħdidiet li kellha mal-Cleansing, fil-ġranet li ġejjien ser tkun qed tiġi ppubblikata Memorandum of Understanding (MoU), biex isir tindif tat-toroq, darba

fil-ġimgħa, filwaqt li mqarr darba fix-xahar, ikun hemm bowser li jaħsel minn Dawret il-Qalb Imqaddsa, sal promenade.

36.02.07 (MM) issuġġerit li l-uffiċċju għandu jikteb lil Building Regulations Unit, minħabba l-ammont ta' trab bir-riħ, li qiegħed itir, minn xogħlijiet relatati mal-ekx lukanda, fil-Bajja s-Sabiħa.

36.02.08 (MM) staqsiet lil (SZ) għal aġġornament fuq in-nuqqas ta' dawl, fil-Qajjenza. (SZ) spjega li fil-presenza tas-Sindku, kien sar qbiel mal-kuntrattur, sabiex sid l-art javżana meta kien ser jinbeda x-xogħol, kif ukoll meta jkollna l-kuntrattur issir trinka u jsir arblu temporarju. (AC) qal li l-kuntrattur kien lest li jagħmel it-trinka, iżda idealment inqabbduh b' mod temporarju ieħor. (SZ) qal li hemm hekk kien sar żball meta kienet saret id-devoluzzjoni tal-art tal-promenade. (SE) staqsiet lil kunsilliera, min ser ikun qiegħed iħallas għax-xogħlijiet li ser ikunu qegħdin isiru, minħabba dan il-proġett taż-żvilupp huwa meqjuż bħala proġett privat. Il-Kunsill b' vot unanimu qabel li l-ispejjeż ser ikunu qegħdin jitħallsu min-naħa tal-Kunsill.

36.02.09 (MM) tkellmet ukoll dwar installazzjoni ta' containers mogħtija mill-Awtorità tat-Turiżmu, biex jintużaw fil-Qajjenza, f' San Ġorġ, fil-Bajja s-Sabiħa u Wied il-Buni.

36.02.10 (MM) tat aġġornament fuq l-iskart tal-kostruzzjoni li qiegħed jintefa' f' Għar Ħasan, fuq il-blat. Hija spjegat kif il-permess li nħareġ lil kuntrattur kien differenti u għaldaqstant, intbagħtu l-uffiċjali tal-infurzar.

36.02.11 Il-kunsillier (DP) tkellmet ukoll fuq il-problema tal-Freeport, kif fuq il-media soċjali, fit-8 ta' Mejju, deher vapur b' duħħan iswed. Hija fehmet li mill-ewwel ta' Jannar, kien daħal fis-seħħ ir-regolament (IMO 2020). Għaldaqstant, hija staqsiet: x' apparat qiegħed jintuża biex jitkejlu dawn il-ħsejjes? Fuq id-duħħan, x' tip ta' fuel qegħdin jużaw dawn il-vapuri? (SC) baqa' jinsisti fuq Task Force, b' mod speċjali fuq air pollution, li suppost bix-ship to shore, għandu jitnaqqas l-inġiż bi 80%. (DP) kompliet tistaqsi kemm, mill-1 ta' Jannar 'l hawn, kemm kien hemm ksur ta' liġi li nstaby li ma' kienux konformi mal-liġi, kif ukoll kemm il-vapur daħal li nstab li ma kienx qed juża' l-fuel, kif kien mitlub fl-IMO 2020?

36.02.12 (DP) talbet lis-(SE) biex tibgħat reminder lil MAFA fuq l-animal food dispenser.

36.02.13 (DP) talbet lis-(SE) biex tibgħat reminder ukoll fuq il-Bajja tal-klieb.

36.02.14 Fir-rigward tal-installazzjoni għat-twaħħil tat-tabelli tal-qtates, (DP) resqet il-proposti tagħha, sabiex dawn jiġu installati ġewwa: Triq Ferretti, Faċċata tal-għassa tal-pulizija, qabel is-santwarju tal-AAA, ġewwa Wied il-Buni (ħdejn is-saling club) u triq il-Qajjenza.

36.02.15 (DP) staqsiet lil (AC) dwar it-traffic diversions fil-Qajjenza u fi Triq Għar Dalam. (AC) wieġeb li (SZ) għadu qiegħed jaħdem fuq il-one-ways. Madankollu, fuq Triq Għar Dalam, (AC) staqsa lil (SZ) jekk kienx hemm xi proposti biex jitnaqqas l-ispeed. Il-periti tal-Awtorità tat-Trasport ser jagħmlu redesign ta' din it-triq, biex jitnaqqas l-ispeed, b' mod awtomatiku. (AC) kompla jgħid, li l-ġimgħa d-dieħla għandhom jipproduċu l-pjanta.

36.02.16 Il-kunsillier (CS) spjega id-domanda qawwija li l-uffiċċju qiegħed ikollu għal kiri tal-piċċ tar-ramel ta' fuq il-bajja. Skont id-direttivi tal-Ministeru tas-Saħħa, fil-preżent, il-piċċ jinsab magħluq, iżda mill-24 ta' Mejju, jaf ikun hemm xi tibdil. Għaldaqstant, l-uffiċċju xorta waħda qiegħed iżomm nota u ddettalji ta' min hu interessat, biex jekk isir xi tibdiel, wieħedjiġi mgħaraf u kkuntatjat. Għalkemm, fil-preżent, bid-direttivi tal-COVID-19, il-piċċ huwa msakkar, xorta qed ikun hemm ħafna nies jużawh u għaldaqstant, hemm bżonn l-intervent tal-pulizija, biex dan ma jkomplix iseħħx. (SZ) wieġeb li l-pulizija tal-komunità huma dawk in-nies li jressqu r-rapporti, u żgur li jkunu hemm ikellmu liż-żgħażagħ. Però rridu niftakru, li kulma għandna huma żewġ uffiċjali.

36.02.17 Il-kunsillier (SZ) qabel mal-kummenti li għamlet (DP) dwar il-ħsejjes tal-Freeport. Hu spjega kif fil-każ tal-Freeport, huwa wieħed mill-ażjendi li fuqu sar ħafna ftehim, kif inħarġu l-permessi, kif ukoll li jorbot lil kull entità, inkluż lil Tug Malta. (SZ) jemmen li bħala Kunsill, għandna nuqqas ta' kompitenza, madankollu, kull studju jieħu l-ħin tiegħu. Fil-fehma tiegħu, bħala Kunsill għandna nitkellmu mal-Avukat, biex nikkomparaw ma xix suppost ikun qiegħed jiġri, kif ukoll mal-TM. L-uffiċċju tal-Ombudsman, għandu l-kompetenza, biex jagħmel dan. Ta min jikkonferma wkoll, is-somma mwiegħda ta' €100,000.00, kull sena, li l-Freeport, baqa' sigriet fuqa.

36.02.18 (SZ) ta aġġornament li sas-seduta li jmiss, it-traffic management plan tal-Qajjenza, ser ikun lest u jiġi ppreżentat.

36.02.19 (SZ) staqsa lil (AC) dwar il-fetħa li tati għal Triq ir-Raddiena, fi t-triq tal-Ġebel. (AC) wieġeb li (SE) qed taħdem mal-perit biex iġġib kwotazzjoni.

36.02.20 (SZ) fakkar li fil-preżent, biex wieħed jitla' għal Triq in-Narċis, irrid jitla' minn Żurrieq road. Għaldaqstant, qed jissuġġerixxi li jsir permess għal road humps.

36.02.21 (SZ) staqsa lil (AC) għal aġġornament fuq il-bus stop tal-Bajja s-Sabiħa, tas-Saint Peter's. Hu kompla jispjega, kif hemm biċċa art vojta ħdejn il-bankina u l-bus stop jista:

- Option 1: nagħmlu parkeġġ normali
- Option 2: nagħmlu double yellow line

Ġie ssuġġerit, li jsir parkeġġ żgħir għal mutur, biċċa żgħira oħra, double yellow line u parkeġġ ieħor għal mutur, u b' hekk ikollna tliet parkeġġi. (SZ) insista li jsir id-double yellow line, sabiex vettura ma tkunx tista' tipparkja.

36.02.22 (SC) staqsa lil (SZ) summary fuq ir-road humps għal Triq tal-Papa. (SZ) wieġeb li hu jressaq kull talba li jgħidulu r-residenti. Jidher li ser ikun hemm tlieta, iżda fi Triq it-Trunċier ma jistgħux isiru tal-lastiku, filwaqt li l-oħrajn jistgħu jsiru. (AC) jippreferi li ssir waħda żejda. Fuq dan l-aspett, il-Kunsill qabel li għandna nibgħatu ittra lir-residenti, qabel ma niplimentaw/ napplikaw għal dawn ir-road humps. (SE) talbet lil (SZ) sabiex jiddraftja l-ittra.

36.02.23 (SZ) talab għal aġġornament mill-kunsilliera, fir-rigward il-laqgħa li saret il-ġurnata ta' qabel, mal-Ministru Dalli, b' mod speċjali fuq l-eks impjant tal-gass. (MM) wieġbet li jidher biċ-ċar li hemm proġetti proposti għal dik iż-żona, però l-Kunsill ġie mwiegħed li ser ikun qed

jiġi kkunsultat.  (AC) aġġornah ukoll li Ħas-Saptan, dalwaqt ser ikun qiegħed jintefa' kollox u jeqilbu s-sistema.

36.02.24  (SZ) ta aġġornament fuq il-Bye-Law ta' Wied il-Buni.  Huwa qal li ser ikun qiegħed jgħaddi draft copy lil pulizija, imbagħad ser jgħaddiha lil (SE) għall-korrezzjoni/ biex tkompli l-proċess mad-dipartiment, għall-pubblikazzjoni.

36.02.25  (SZ) ta aġġornament fuq l-iskeda tal-Measure 1, tal-Galxlokk, fir-rigward tar-restawr tal-pittura tas-Sagra Familja.  Huwa spjega kif id-dipartiment tal-Gvern Lokali, baqa' jżomm mal-prinċipju tiegħu.

36.02.26  Intalab ftit ħin mill-kunsillier (JBD), minħabba li fis-seduti preċidenti kien sar qbiel unanimu, sabiex l-iskema SPI/SCI/3/2021 (Skemi għall-attivitajiet kulturali annwali), tkun applikata għall-karnival tas-sajf.  Madankollu, xtaqet titlob approvazzjoni, sabiex minflok, biex tkun aktar sigura li din l-attività sseħħ, l-applikazzjoni tkun marbuta mal Choir Joy of Gospel.  Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni, għal din il-bidla fl-avveniment.  Madankollu, (AC) stqarr li skont il-Kappillan tal-Parroċċa, din is-sena, ser jippermetti biss, attività waħda.  Il-Kunsill qabel li f'dan il-mument, il-post għal din l-attività, huwa irrelevanti.

Proponent kienet (JBD), is-sekondata minn (SC).

## 36.03  Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

36.03.01  Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-sebgħa ta' filgħaxija.  Il-Kunsill qabel li s-seduta li jmiss ser tkun qiegħda ssir, it-Tlieta, 1 ta' Ġunju, 2021, fil-ħamsa u nofs ta' waranofsinhar.  Il-post ser jiġi miftiehem aktar 'l quddiem.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ___________________________ | _________________________ |
| Scott Camilleri | Rosalie Mintoff |
| Viċi - Sindku | Segretarju Eżekuttiv |